MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Numru. 278/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**JOSEPH DAVID FARRUGIA ta' 40 sena, iben Joseph u Dorothy nee' Mc Monagle, imwieled Warwick, England nhar is-27 ta' Awwissu, 1969, residenti fil-fond Maroy, Flat 2, Triq Romeo Romano, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 144 187 M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph David Farrugia** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' Frar, 2005 ghall-habta tal-05.00am, f'Santa Venera, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-

hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta’ martu Josephine Farrugia (ID 0043369M) u ferita ohra ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ bintu Kimberly Farrugia (ID 58992M) u dan hekk kif gie ccertifikat minn Dr Simon Zammit MD, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 216 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hebb kontra martu Josephine Farrugia u bintu Kimberly Farrugia sabiex jingurjahom, idejjaqhom, jew jaghmlilhom hsara, u aktar talli ghamlilhom ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurjahom b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat l-interrogatorju fejn Joseph David Farrugia wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal tali proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-istqarrija rilxxata mill-imputat fi stadju ta’ nvestigazzjoni, (DOK CE 1 folio 14) jghid illi hu kien jahdem barra minn Malta u rabba certi suspetti f’martu. Jghid illi wasal Malta ghal gharrieda u dahal fil-messaggi tac-cellulari. Hemm sab messagg f’isem martu ndirizzat minn adult.

Jghid illi dan il-messagg kien bi kliem ‘sweet u honey’ (folio 14 DOK CE 1). Hawn kellhom xi jghidu, il-mara bdiet

tissara mieghu biex tohodlu l-mobile tant illi waqghu ma' l-art u hi gidmitlu jdejh. Qal illi bdiet tghid lil binthom Kimberly biex tohodlu l-mobile u tifflaxxja s-SIM card. Jghid illi bintu fflaxxjat is-SIM card. Ammetta li hu u martu t-tnejn bdew jaghtu lil xulxin. Jghid illi dan gara ghax beda jipprova jaqlaghla idejha minn ma' xagharu.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt mart l-imputat ghazlet illi ma tixhidx fuq dak li nqala' ma' zewgha. Minn naha l-ohra l-bint ma ngabitx tixhed. Gew prezentati pero zewg certifikati medici fil-konfront tal-griehi sofferti minn mart l-imputat Josephine, ta' natura gravi (folio 12) u iehor fil-konfront tal-bint Kimberly ta' natura hafifa (folio 13).

PS 86 Anthony Lia xehed illi fuq rapport ta' glied, accedew fid-dar ta' l-imputat, hemm semghu hafna ghajjat u glied. Sabu lill-imputat u lil martu jargumentaw, tant illi kellhom jifirduhom. Qal dan ix-xhud illi l-imputat kien jidher ftit xurban. Xehed illi anke waqt illi kienu qeghdin ikellmuh il-pulizija, l-imputat beda jhedded lil martu li ried joqtolha, ried ipattihielha ghax kellha wicc haddiehor.

Ikkunsidrat:

Illi certament ghalkemm mhux ghal kollox imputabbli lill-Prosekuzzjoni, hemm karenza kbira ta' provi f'dan il-kaz. Jirrizulta pero mic-certifikati medici li kemm mart kif ukoll bint l-imputat sofrew xi griehi. Pero mill-istqarrija ta' l-imputat, dan allega wkoll illi hu gie aggredit u ghalhekk il-griehi fuq il-membri tal-familja tieghu setghu anke gew waqt it-taqbida bejniethom. Illi dan id-dubju ghandu ovvjament imur a favur l-imputat, ghalhekk tilliberah mill-effetti ta' l-ewwel akkuza.

Pero mix-xhieda tas-Surgent Lia jirrizulta b'mod car illi t-tieni akkuza giet pruvata, ghalhekk tqiesu hati ta' l-istess, u dan wara li rat l-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-fedina penali tieghu, tqis illi l-piena idonea ghandha tkun dik ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta, u tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal sena (1) mill-lum, bl-intiza jekk ikun il-bzonn illi Joseph David Farrugia jibda u jkompli programm kontra l-vjolenza domestika. Din l-ordni ghandha tkun ghal perjodu ta' sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------